



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13865/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0319(NLE)

VISA 137
COAFR 368
MIGR 173

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 709 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 709 final.

Mehmuż: COM(2020) 709 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2020
COM(2020) 709 final

2020/0319 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li
jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-
iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo
Verde u tal-Unjoni Ewropea**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Cabo Verde u l-UE ilhom igawdu minn relazzjoni mill-qrib u ferm kostruttiva għal aktar minn 35 sena, ibbażata qabelxejn fuq kooperazzjoni għall-iżvilupp sinifikanti u kontinwa. Minn Novembru 2007, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u Cabo Verde huma rregolati mis-Sħubija Speċjali bejn l-UE u Cabo Verde, li tirrappreżenta strument ambizzjuż għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali, u tikkostitwixxi każ uniku fost il-Grupp ta' Stati Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP). Wieħed mill-objettivi tas-Sħubija Speċjali huwa li ssaħħa il-mobbiltà u l-kuntatti bejn iċ-ċittadini tal-UE u ta' Cabo Verde, kif ukoll li jżid il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari. Fil-qafas ta' din is-sħubija, fl-2008, Cabo Verde, bħala l-ewwel pajjiż Afrikan, ikkonkluda Sħubija għall-Mobbiltà mal-UE, u sussegwentement, Ftehim dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea¹, li ġie adottat fl-istess ħin ma' Ftehim dwar ir-riammissjoni ta' persuna li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni². Iż-żewġ Ftehimiet daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2014.

Wara li dawn il-Ftehimiet ilhom jiġu implimentati għal ħames (5) snin u fid-dawl tat-tibdil li ġie introdott fil-leġiżlazzjoni tal-UE u ta' Cabo Verde b'rabta mal-viżi, speċifikament ir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-UE dwar il-Viżi³ u d-deċiżjoni ta' Cabo Verde li teżenta liċ-ċittadini tal-UE mill-ħtieġa ta' viża għal soġġorni ta' mhux aktar minn 30 jum⁴, il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-ftehim eżistenti esplora l-ħtieġa li ċerti regoli li ġew stabbiliti fih jiġu emendati, bil-ħsieb li jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi mibdula.

Fuq dik il-bażi, fit-13 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni⁵ lill-Kunsill bil-ħsieb li tikseb id-direttivi li tinnegozja ftehim li jemenda l-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża eżistenti mar-Repubblika ta' Cabo Verde.

Wara li l-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni⁶ tiegħu fid-29 ta' Ottubru 2019, infetħu formalment in-negozjati mar-Repubblika ta' Cabo Verde fi Brussell fit-28 ta' Novembru 2019. Sar ċiklu ieħor ta' taħditiet fit-30 ta' Jannar 2020 fi Praia, li fih in-negozjaturi ewlenin laħqu ftehim dwar il-prinċipju tal-abbozz tat-test. In-negozjaturi ewlenin inizjalaw it-test tal-ftehim fl-24 ta' Lulju 2020 permezz ta' skambju ta' ittri elettroniċi.

L-Istati Membri ġew mgħarrfa u kkonsultati b'mod regolari fl-istadji kollha tan-negozjati waqt il-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill rilevanti. L-abbozz finali tat-test tal-ftehim kien kondiviż mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża u ġie approvat b'mod ġenerali, permezz ta' proċedura bil-miktub simplifikata, fis-27 ta' Marzu 2020.

Il-proposta meħmuża tikkostitwixxi l-istrumenti legali għall-iffirmar tal-Ftehim. Il-Kunsill se jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

¹ ĠU L 282, 24.10.2013, p. 3-12.

² ĠU L 282, 24.10.2013, p. 15.

³ Ir-Regolament (UE) 2019/1155 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) ĠU L 188, 12.7.2019, p. 25-54.

⁴ Il-Bullettin Uffiċjali tar-Repubblika ta' Cabo Verde I.54, 13.8.2018, p. 1350.

⁵ COM(2019) 417 final.

⁶ Ares(2019)6870996

2. L-GĦAN U L-KONTENUT TAL-FTEHIM

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") għandu l-għan li jiffaċilita, abbażi tar-reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn intenzjonat ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum.

Il-Kummissjoni tqis li ntlaħqu l-oġġettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li l-abbozz tal-Ftehim hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-kontenut finali tiegħu jista' jitqassar kif ġej:

- it-tariffa tal-viża għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet titnaqqas għal 75 % tal-ammont li għandu jinżamm skont il-leġiżlazzjoni domestika applikabbli (jiġifieri EUR 60 għaċ-ċittadini ta' Cabo Verde). Din it-tariffa tiġi applikata għall-applikanti kollha għal viża. Barra minn hekk, il-konjuġi, l-ulied (inkluż l-ulied adottivi) taħt l-età ta' 21 sena jew dipendenti, u l-ġenituri ta' ċittadini ta' Cabo Verde b'residenza legali fit-territorju ta' Stat Membru, jew ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fl-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom huma eżentati għalkollox minn din il-ħtieġa. Barra minn hekk, għat-tfal li għandhom mill-inqas 12-il sena (iżda li għandhom anqas minn 18-il sena) it-tariffa titnaqqas b'50 % tat-tariffa ġeneralment applikabbli (jiġifieri EUR 30 għaċ-ċittadini ta' Cabo Verde);

- id-dokumenti dwar l-iskop tal-vjaġġ li għandhom jiġu ppreżentati ġew simplifikati għall-kategoriji li ġejjin ta' applikanti: membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali; negozjanti; konjuġi, ulied u ġenituri ta' ċittadini tal-Unjoni jew ċittadini ta' Cabo Verde b'residenza legali fl-UE; skulari, studenti u studenti postgradwatorji; parteċipant f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali, sportivi u reliġjużi; ġurnalisti u l-ekwipaġġ li jakkumpanjahom; persuni li jivvjaġġaw għal raġunijiet mediċi. Għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jistgħu jintalbu biss id-dokumenti elenkati fil-ftehim biex jiġi ġġustifikat l-għan tal-vjaġġ; l-applikanti li diġà jkunu użaw viża għal dħul multiplu valida għal mill-inqas sena legalment huma eżentati milli jagħtu prova tal-akkomodazzjoni;

- ir-regoli għall-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu ġew emendati billi saret enfasi fuq l-użu preċedenti legali tal-viżi tul perjodi referenzjarji partikolari minflok l-għan tal-vjaġġ tal-applikanti: bħala regola, viża għal dħul multiplu ta' sena tinħareġ lill-applikanti li jkunu użaw viża waħda legalment fit-18-il xahar preċedenti; il-viża għal dħul multiplu għal sentejn tinħareġ lil dawk l-applikanti li jkunu użaw viża għal dħul multiplu ta' sena fit-30 xahar preċedenti; viża għal dħul multiplu ta' bejn tliet u ħames snin tinħareġ lill-applikanti li użaw viża għal dħul multiplu ta' sentejn legalment fit-42 xahar preċedenti;

- id-detenturi ta' laissez-passer validu tal-UE huma eżentati mill-ħtieġa ta' viża għal soġġorni qosra;

- il-klawsoli finali jagħtu l-possibbiltà lill-Partijiet li jissospendu l-ftehim, kollu kemm hu jew parti minnu, għal kwalunkwe raġuni li titqies xierqa. Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 12(5) tal-Ftehim rigward ir-raġunijiet għas-sospensjoni tal-Ftehim tipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' raġunijiet għas-sospensjoni, bħall-ordni pubbliku, il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew is-saħħa pubblika, għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-demokrazzjoni jew għal nuqqas ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riammissjoni;

- il-klawsola ġenerali tal-Ftehim hija emendata bil-ħsieb li jiġi żgurat li: il-faċilitazzjoni mogħtija liċ-ċittadini ta' Cabo Verde tingħata liċ-ċittadini tal-Unjoni fil-każ li l-ħtieġa ta' viża għal soġġorni ta' mhux aktar minn 30 jum tiġi imposta mill-ġdid għaż-żjara tagħhom f'Cabo Verde; tingħata l-istess faċilitazzjoni liċ-ċittadini tal-Unjoni fil-każ li japplikaw għal viża ta' Cabo Verde għal soġġorni ta' aktar minn 30 jum iżda li ma jaqbżux 90 jum. Dikjarazzjoni

Konġunta dwar ir-regoli biex jingħataw il-viżi ta' Cabo Verde liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea għal soġġorni ta' aktar minn 30 jum u li ma jeċċedux 90 jum hija meħmuża mal-ftehim u tispeċifika li ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu japplikaw fit-territorju ta' Cabo Verde mal-awtoritajiet kompetenti għal estensjoni tas-soġġorn tagħhom;

– Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-iskambju regolari tal-informazzjoni dwar is-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar hija emendata bil-ħsieb li tinkludi referenza għal-leġislazzjoni interna ta' Cabo Verde li introduċiet id-dokumenti tal-ivvjaġġar bijometriċi;

– Is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka, tal-Irlanda huma riflessi fil-preambolu u f'Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża mal-Ftehim.

3. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta qiegħda tiġi ppreżentata lill-Kunsill sabiex jiġi konkluż il-Ftehim.

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), flimkien mal-Artikolu 218 tiegħu.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Skont l-Artikolu 77(2)(a) TFUE, in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet li d-dispożizzjonijiet tagħhom jaffettwaw ir-regoli għall-ħruġ ta' viżi Schengen għal soġġorn qasir huma fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

• Proporzjonalità

Il-proposta attwali ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv mixtieq, jiġifieri l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali li jiffaċilita l-ħruġ ta' viżi liċ-ċittadini ta' Cabo Verde u, abbażi tar-reċiproċità, liċ-ċittadini tal-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma tinvolvix kostijiet addizzjonali għall-baġit tal-UE.

5. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-risultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill, wara li jkun irċieva l-kunsens tal-Parlament, japprova l-konklużjoni tal-Ftehim meħmuż bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁷,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX/XX⁸, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Is-Sħubija Speċjali bejn l-Unjoni u Cabo Verde ġiet approvata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-19 ta' Novembru 2007⁹. Wieħed mill-oġġettivi tagħha huwa li ssaħħa il-mobbiltà u l-kuntatti bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u ta' Cabo Verde, kif ukoll li żżid il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari.
- (3) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea¹⁰ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2014.
- (4) Fid-dawl tat-tibdil li sar fil-leġislazzjoni domestika tal-Partijiet u abbażi tal-feedback mogħti mill-Kumitat Konġunt inkarigat bil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim imsemmi fil-paragrafu preċedenti, l-għan tal-Ftehim huwa li jaġġusta u jikkomplementa wħud mid-dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw il-ħruġ tal-viżi liċ-ċittadini ta' Cabo Verde u, abbażi tar-reċiproċità, tal-Unjoni għal soġġorn intenzjonat ta' mhux aktar minn 90 jum f'perjodu ta' 180 jum.

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁸ Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea (ĠU L [...], [...], p. [...]).

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde (19 ta' Novembru 2007); Dok. ta' ref. 15113/07.

¹⁰ ĠU L 282, 24.10.2013, p. 3.

- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹¹; għalhekk l-Irlanda mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (7) Jenħtieġ li l-ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti huma meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna awtorizzata biex tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, għan-notifika stabbilita fl-Artikolu 2(1) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha¹².

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

¹² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.